MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 6/2005

**Julian Schembri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Ottubru, 2005, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali tat-13 ta’ Mejju 2004 fejn l-appellant gie mgharraf li ma kienx intitolat ghall-Ghajnuna Socjali (SA) ghaliex il-valur kapitali tal-proprjeta` tal-membri kollha tal-familja tieghu hu aktar minn Lm10,000.

Ra l-ittra ta' Dr. Stephan Zrinzo Azzopardi tat-28 ta' Mejju, 2003 fejn spjega ghaliex jikkonsidra li l-mezzi ta' l-appellant jintitolawh biex jircievi l-imsemmija ghajnuna.

Ra d-dokumenti u r-risposti anki dawk li jirrizultaw fil-kaz Ump 698/04.

Ikkunsidra li l-punt f' dan l-appell kien bhal dak motivat fl-appell l-iehor 698/04 u qed issir ampja referenza ghad-deczjoni li nghatat illum stess fl-imsemmi appell.

Ghal dawn il-motivi dan l-appell qed jigi michud."

L-appell interpost mir-rikorrenti Julian Schembri f' dan il-kaz huwa *computer printout* ta' appell iehor introdott mir-rikorrenti kontra decizjoni ta' l-Arbitru (Numru 156/05) dwar fatti li ma' dawk ta' l-appell *de quo* ghandhom rabta stretta. Hekk ukoll l-aggravji jirrelataw ma', u jermergu minn, konsiderandi tas-sentenza l-ohra appellata;

A skans ta' duplicita` din il-Qorti tirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet minnha zvolti f' dak l-appell l-iehor u taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghall appell odjern ukoll.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------